Ħrejjef

ĦREJJEF huwa proġett b'risq l-istudenti tal-Primarja u l-ewwel sentejn tas-Sekondarja. Jgħaqqad flimkien ġabra ta' stejjer tradizzjonali Maltin flimkien ma' mużika kontemporanja għall-pjanu, u animazzjoni 3D fuq l-istil ta' pupazzi silwettati *(shadow puppetry)*. F'din il-produzzjoni, l-attur Joseph Galea jirrakkonta ġabra ta' ħrejjef Maltin b'akkumpanjament fuq il-pjanu minn Tricia Dawn Williams. Il-mużika oriġinali ta' dan il-proġett, fuq idjoma kontemporanja, hija tal-kompożitur Ruben Zahra. Għal kull ħrafa hemm projezzjoni ta' animazzjoni diġitali 3D li nħadmet fuq stil ta' pupazzi silwettati. Id-disinn dekorattiv tal-animazzjoni huwa ispirat minn elementi ta' arti Barokka, filigranu, bizzilla u tberfil. Id-disinn huwa xogħol l-artista Nel Pace. L-animazzjoni diġitali ta' Martin Bonnici.

L-Akkademja tal-Malti qed tistiednek tattendi ċ-ċinema tal-Kavallier ta' San Ġakbu (li huwa armat biex juri projezzjoni 3D) nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Diċembru fil-5pm. Ġib lil sħabek u lin-neputijiet. Din l-esperjenza ma tinsihiex.

L-Akkademja tirringrazzja lil Ruben Zahra, l-artisti mseħbin miegħu u lill-Kavallier ta' San Ġakbu talli qed jorganizzaw din l-attività **b'xejn** wara t-talba tagħna.

Min biħsiebu jiġi, nitolbuh jikteb lil Joe Borg info@akkademjatalmalti.com. Nitolbukom tgħidulna kemm ġejjin għax iċ-ċinema tesa' 100 ruħ biss.